



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

10129/21

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0249(COD)

JAI 771
FRONT 258
VISA 142
SIRIS 70
CADREFIN 325
CODEC 962
COMIX 348

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Ġunju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 331 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 331 final.

Mehmuż: COM(2021) 331 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.6.2021
COM(2021) 331 final

2018/0249 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi

1. SFOND

Id-data tat-trażmissjoni tal-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill it-12 ta' Ġunju 2018
(id-dokument COM(2018) 473 final – 2018/0249 COD):

Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: is-17 ta' Ottubru 2018

Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari: it-13 ta' Marzu 2019

Data tal-adozzjoni tal-approċċ ġenerali parzjali tal-Kunsill: is-7 ta' Ġunju 2019

Data tal-adozzjoni tal-approċċ ġenerali tal-Kunsill: it-12 ta' Ottubru 2020

Data tat-trilogu meta ntlaħaq qbil proviżorju: l-10 ta' Diċembru 2020

Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill: l-14 ta' Ġunju 2021

2. OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Din il-proposta tiffurma parti mill-pakkett tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) ta' wara l-2020 li l-Kummissjoni ppreżentat f'Mejju 2018. Il-miżuri komuni dwar il-qsim tal-fruntieri interni minn persuni, dwar il-kontrolli tal-fruntieri fil-fruntieri esterni u l-politika komuni dwar il-viżi jiżguraw il-kisba tal-għan tal-Unjoni ta' moviment liberu f'żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni pproponiet li tistabbilixxi l-fond suċċessur tal-Fond għas-Sigurtà Interna 2014-2020 bl-istabbiliment ta' Strument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (Border Management and Visa Instrument, BMVI) bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (Integrated Border Management Fund, IBMF). Il-parti l-oħra tal-IBMF tikkonsisti fi Strument għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali (Customs Control Equipment Instrument, CCEI). Il-proposta tal-Kummissjoni dwar l-Istrument għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali kienet maħsuba biex tirrikonoxxi r-rwol tal-awtoritajiet doganali fil-protezzjoni tal-fruntieri kollha tagħna (tal-baħar, tal-ajru, fuq l-art u għaċ-ċentri postali), filwaqt li jiġi ffaċilitat il-kummerċ u ċ-ċittadini jkunu protetti minn oġġetti perikolużi u foloż.

Il-ħolqien ta' fond dedikat għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri jirrifletti l-fatt li kemm il-ġestjoni tal-fruntieri kif ukoll is-sigurtà interna huma prijoritajiet, u li kull waħda minnhom jistħoqqilha strumenti ta' finanzjament tal-Unjoni li huma dedikati u aktar immirati.

Il-protezzjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-UE hija kruċjali għall-ġestjoni tal-isfidi tal-ġejjieni u għall-iżgurar tas-sigurtà interna. Dan huwa essenzjali wkoll biex tinżamm żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

Matul dawn l-aħħar snin, ġew introdotti għadd ta' miżuri biex jindirizzaw l-isfidi immedjati u jistabbilixxu l-pedamenti importanti kollha meħtieġa għall-iżgurar ta' fruntieri intelliġenti u b'saħħithom.

Il-BMVI se jappoġġa dawn l-isforzi li għaddejjin u jkompli jżid l-appoġġ għas-sigurtà fil-fruntieri esterni tagħna, billi jiffoka fuq:

- (a) aktar appoġġ lill-Istati Membri biex jiżguraw is-sigurtà tal-fruntieri esterni tal-UE;
- (b) l-iżgurar li s-sistemi tal-IT fuq skala kbira użati għall-ġestjoni tal-fruntieri jkunu robusti u jkunu jistgħu jiffunzjonaw mingħajr xkiel ma' xulxin u ma' sistemi nazzjonali;
- (c) l-iżgurar li l-politika komuni dwar il-viżi tal-UE tadatta għat-tħassib dwar is-sigurtà li qed jevolvi, għall-isfidi marbuta mal-migrazzjoni u għall-opportunitajiet il-ġodda offriti mill-iżviluppi teknoloġiċi.

Jenħtieġ li l-finanzjament tal-appoġġ ikompli jiġi pprovdut lill-Istati Membri biex jibnu u jsaħħu l-kapaċitajiet tagħhom f'dawn l-oqsma u biex isaħħu l-kooperazzjoni, inkluż mal-aġenziji rilevanti tal-Unjoni. Barra minn hekk, dan se jgħin biex jiġi żgurat livell simili ta' protezzjoni tal-fruntieri, billi jindirizza d-differenzi attwali bejn l-Istati Membri minħabba l-pożizzjoni ġeografika u d-differenzi fil-kapaċitajiet u r-riżorsi disponibbli.

Il-BMVI se joffri flessibbiltà akbar meta mqabbel mal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti, filwaqt li fl-istess ħin jiżgura li l-finanzjament jiġi ggwidat lejn il-prijoritajiet u l-azzjonijiet tal-Unjoni b'valur miżjud sinifikanti tal-Unjoni. Mekkaniżmi ġodda għall-allokazzjoni ta' finanzjament għal ġestjoni kondiwiża, diretta u indiretta se jindirizzaw l-isfidi u l-prijoritajiet il-ġodda. Dan jinkludi l-hekk imsejħa faċilità tematika, li toffri għażliet differenti fir-rigward tal-modi ta' implimentazzjoni matul il-perjodu ta' programmazzjoni.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill kif adottata fl-ewwel qari tirrifletti għalkollox il-ftehim li ntlaħaq fit-trilogu bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, kif konkluż fl-10 ta' Diċembru 2020. Il-punti ewlenin ta' dan il-ftehim kienu:

Il-Baġit: Il-pakketti finanzjarji ġew allinjati mal-ammonti miftiehma għall-QFP 2021–2027. EUR 6,2 biljun fi prezzijiet attwali taħt il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri huma maqsuma bejn il-BMVI b'EUR 5,2 biljun u s-CCEI b'EUR 1,0 biljun. Barra minn hekk, il-BMVI se jibbenefika minn allokazzjoni addizzjonali ta' EUR 1 biljun fi prezzijiet tal-2018, li tirriżulta mill-aġġustament speċifiku għall-Programm previst fl-Artikolu 5 u fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 (jiġifieri r-Regolament QFP). Dan l-ammont addizzjonali ta' EUR 1 biljun, fi prezzijiet tal-2018, se jkun kompletament allokati (100 %) għall-faċilità tematika. Barra minn hekk, il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-kondizzjonalità għar-riċeviment ta' finanzjament addizzjonali fil-fażi ta' rieżami ta' nofs it-terminu, ġiet miżmuma. Kif propost, Stat Membru jrid jippreżenta l-applikazzjonijiet għal

pagament li jkopru mill-inqas 10 % tal-allokkazzjoni inizjali biex il-programm tiegħu jkun eliġibbli li jirċievi allokkazzjoni addizzjonali fir-rieżami ta' nofs it-terminu.

Perċentwal minimu ta' finanzjament: Se jiġi allokat livell minimu ta' 10 % tar-riżorsi għall-programmi tal-Istati Membri għall-oġettiv speċifiku li jappoġġa l-politika komuni dwar il-viżi biex ikun żgurat approċċ armonizzat fir-rigward tal-ħruġ ta' viżi u jkun iffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu, filwaqt li jiġu evitati r-riskji migratorji u r-riskji għas-sigurtà, soġġett għall-possibbiltà li l-Istati Membri jiddevjaw f'każijiet ġustifikati kif xieraq.

L-Ambitu tal-appoġġ: Għe miftiehem li l-azzjonijiet eliġibbli elenkati fl-Anness III (L-Ambitu tal-Appoġġ) tal-BMVI jiġu ġestiti kif ġej:

- (a) l-Anness III jibqa' lista mhux eżawrjenti ta' azzjonijiet ("lista miftuħa") għall-finijiet tal-programmi mfassla mill-Istati Membri;
- (b) l-Anness III, bl-eċċezzjoni tal-assistenza ta' emerġenza, isir lista eżawrjenti ta' azzjonijiet ("lista magħluqa") għall-finijiet tal-programmi ta' ħidma tal-faċilità tematika. Il-Kummissjoni tista' żżid azzjonijiet mal-Anness III permezz ta' att delegat.

Il-pajjiżi terzi u d-dimensjoni esterna tal-Fond: intlaħaq ftehim abbażi ta' dan li ġej:

- (a) salvagwardji ulterjuri inklużi għal azzjonijiet f'pajjiżi terzi u b'rabta magħhom (eż. proġetti tal-Istati Membri f'pajjiżi terzi jew b'rabta magħhom jeħtieġu approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni, u l-entitajiet eliġibbli stabbiliti f'pajjiżi terzi jistgħu jirċievu finanzjament biss jekk ikunu parti minn konsorzju, b'mill-inqas entità waħda stabbilita fi Stat Membru);
- (b) id-dispożizzjonijiet jenfasizzaw in-natura interna tal-Fond u anki jekk jibqgħu possibbli azzjonijiet f'pajjiżi terzi jew b'rabta magħhom, il-programmi jridu primarjament jaqdu l-politika interna tal-Unjoni.

Proċeduri ta' adozzjoni għall-atti ta' implimentazzjoni: Għe miftiehem li l-programmi ta' ħidma tal-faċilità tematika jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura ta' eżami (bil-"klawżola ta' ebda opinjoni"). Il-proċedura aktar mgħaġġla tal-atti ta' implimentazzjoni applikabbli direttament għet inkluża għall-assistenza ta' emerġenza. Il-mudell għar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni se jiġi adottat permezz ta' att ta' implimentazzjoni soġġett għall-proċedura konsultattiva.

Tagħmir multifunzjonali: il-Ftehim jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-użu multifunzjonali tat-tagħmir u tas-sistemi tal-ICT. Dawn jistgħu jintużaw mhux biss għall-kontroll doganali u għall-operazzjonijiet marittimi ta' natura multifunzjonali iżda wkoll biex jintlaħqu l-oġettivi taż-żewġ Fondi l-oħra tal-Affarijiet Interni, b'mod partikolari tal-Fond għas-Sigurtà Interna u tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, sakemm l-iskop primarju ta' dan it-tagħmir (massimu ta' 30 % tal-perjodu totali tal-użu) u tas-sistemi tal-ICT ikun konformi mar-Regolament u jiġi evitat il-finanzjament doppju.

Tagħmir operattiv: għe miftiehem li l-Istati Membri jkunu responsabbli biex jiżguraw il-konformità mal-istandards stabbiliti mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, madankollu mingħajr ma jitolbu l-approvazzjoni mill-Aġenzija.

Tiftix u salvataġġ: Il-BMVI jipprovdi appoġġ għal operazzjonijiet ta' tiftix u ta' salvataġġ f'sitwazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu waqt operazzjonijiet ta' sorveljanza tal-fruntieri fuq il-baħar.

Appoġġ operattiv: il-perċentwal tal-allokkazzjoni tal-BMVI li jista' jmur għall-appoġġ operattiv żdied għal 33 % (minn 30 % fil-proposta tal-Kummissjoni).

Viżi: ġie miftiehem li l-assistenza tkun eliġibbli għall-ħruġ ta' viżi b'validità territorjali limitata għal raġunijiet umanitarji, għal raġunijiet ta' interess nazzjonali jew minħabba obbligi internazzjonali f'konformità mal-acquis tal-Unjoni dwar il-viżi.

Il-finanzjament ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira: Ġie miftiehem li jkun hemm lista magħluqa ta' sistemi tal-ICT eliġibbli u sistemi tal-IT fuq skala kbira, li jistgħu jirċievu rata oġġla ta' kofinanzjament ta' 90 %.

Taħlit: L-Artikolu 19 li kien jipprevedi l-possibbiltà ta' operazzjonijiet ta' taħlit, tħassar.

Organizzazzjonijiet internazzjonali: Dispożizzjonijiet ġodda dwar il-verifika u l-kontroll tal-organizzazzjoni internazzjonali ġew integrati.

Indikaturi tal-prestazzjoni: l-indikaturi tar-riżultati u tal-output fl-Annessi V u VIII ġew simplifikati.

Retroattività: ġew inklużi dispożizzjonijiet ta' retroattività biex jitqies li l-att mhux se jiġi adottat qabel tmiem l-2020.

B'mod ġenerali, il-ftehim li ntlaħaq fost il-koleġiżlaturi jippreserva l-oġġettivi tal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, għalkemm il-pożizzjoni miftiehma toffri ftit inqas flessibbiltà u inqas simplifikazzjoni minn dak li kien propost inizjalment. Il-ftehim iżomm l-istess livell ta' ambizzjoni bħall-proposta inizjali u jipprovdi bażi ġuridika fattibbli għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-Istrument.

Fit-trilogi politiċi li ġew konklużi fl-10 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni indikat li hija setgħet taċċetta l-elementi maqbula bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għall-finijiet ta' ftehim finali.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni taċċetta l-pożizzjoni meħuda mill-Kunsill.